TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

174

CCT/185/13/S

Etienne Farrugia
Vs
International Trading Company Limited

Illum 13 ta'Novembru,2014.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Etienne Farrugia pprezentata fl-1 t'Awwissu,2013 u r-risposta tas-socjeta International Trading Company Limited ipprezentata fl-24 ta'Settembru,2013;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom fil-25 ta'Settembru,2014;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment dwar ghefiesi fuq genb ta' "fridge" u talba ghall-hlas ta' €80 prezz mitlub ghall-installazzjoni ta' "hood". Is-socjeta intimata kkontestat it-talbiet kollha tar-rikorrenti;

Illi jinghad mal-ewwel li min jallega jrid jipprova u dan fuq l-istregwa tal-massima *"incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat"* (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet "Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited" moghtija fit-13 ta'Jannar,1999)[1];

Illi fl-ewwel lok fir-rigward tal-'hood' u l-istallazzjoni taghha, ma tressqet ebda prova li turi li dak kien il-ftehim miftiehem bejn il-partijiet. Fil-fatt ma hemm xejn imnizzel dwar dan f'Dok CS1;

Illi fir-rigward tal-ghefiesi, il-partijiet kellhom verzjonijiet konfliggenti;

Illi hija responsabilita tal-persuna li tircievi l-kunsinna tal-oggetti ordnati li tikkonferma li dak kunsinjat hu dak ordnat u li jkun fi stat tajjeb;

Illi s-Sur Chris Spiteri prodott mir-rikorrenti u li jahdem mas-socjeta intimata bhala 'deliveryman' xehed hekk:

*"...nghid li l-post kien ghadu mhux lest u fil-fatt fl-ewwel bicca ghaddejna minn fuq tavluna...*

*Nghid illi ftahniha quddiemu u kif hija policy tal-kumpanija jiena u l-haddiem l-iehor flimkien mas-sid iccekkjajna li kollox kien sew.*

*Ma kien hemm ebda ilment dak il-hin. Ahna nehhejna il-fridge mill-packinging li jikkonsisti fil-qiegh tal-geblo li il-fridge tkun fuqha, geblo fil-kantunieri tal-fridge kollha u cover tal-kartun u geblo fuq il-fridge li jzomm kollox f'daqqa.*

*Barra minn dan ikun hemm ukoll bubble wrap mal-faccata tal-fridge u tape li jzomm il-bibien maghluqin u biex jissigilla kollox plastic mad-dawra kollha.*

[1] Ara decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta'Marzu,2012 fl-ismijiet "Dr.Francis Saliba et vs C.Boffa Company Limited et" (899/08JA) u decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-2 ta'Mejju,1995 fl-ismijiet "Aquilina vs Vella".

*Nghid li il-fridges ikunu kollha hekk.*

*Ahna ftahna il-packaging quddiem il-klijent.*

*Nghid illi l-packaging niftakar li nehhejtu kollu hlief ghall-geblo tal-qiegh ghax is-sid qalilna li ma kienx se juzaha ghalissa.*

*Jien ma rajt ebda ghefiesi dak il-hin li kkonsenjajtha u ma kien hemm ebda ilment daparti tas-sid ghax kieku jiena ninforma mal-ewwel lis-superjuri tieghi.*

*Nghid illi ma jistax ikun li ftaht biss il-faccata tal-packaging u mhux kollu ghax ma jistax isir hekk minhabba li it-tape li jzomm il-bubble wrap ikun taħt il-geblo tal-kantunieri tal-faccata…"*[2]

Illi dan it-Tribunal ihoss li din il-procedura hija wahda verosimili u jekk ma sarx hekk, ir-rikorrenti kien fi dmir li jezamina bir-reqqa l-oggetti konsenjati;

Illi jidher li l-ilment dwar l-ghefiesi sar wara xi zmien mill-kunsinna u tali ilment kellu jsir mal-kunsinna hekk kif isir ezami sew tal-oggetti konsenjati fil-mument tal-kunsinna;

Illi wara l-kunsinna, ir-responsabilita ghall-oggetti ghaddiet ghand ir-rikorrenti;

Illi l-fatt li l-fond kien ghadu fi stat ta' kostruzzjoni, iktar u iktar idahhal il-possibilita li l-ghefiesi setghu saru wara l-kunsinna;

Illi fic-cirkostanzi, it-talbiet tar-rikorrenti ma gewx pruvati skont il-ligi;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Etienne Farrugia filwaqt li Jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta International Trading Company Limited, b'kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru

[2] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-16 ta'Jannar,2014.